MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **22 t' April 2020** **Ref: DDLTS 12/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Grazio Grixti – Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Webinar: Microsoft Teams għall-Mexxejja tal-Iskejjel**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali qed jorganizza webinar għall-mexxejja kollha tal-iskejjel, inklużi Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-iskejjel u l-Assistenti Kapijiet. L-Uffiċjali Edukattivi, il-Kapijiet tad-Dipartimenti, l-Għalliema u edukaturi oħra (LSEs eċċ.) li jixtiequ jattendu huma milqugħa wkoll.

L-għan ta' dan il-webinar huwa li nitgħallmu kif norganizzaw il-modi ta' komunikazzjoni tal-iskola fuq Microsoft Teams sabiex intejbu l-komunikazzjoni bejn SLT u l-għalliema, bejn l-għalliema u LSEs mal-istudenti u kif ukoll il-komunikazzjoni mal-ġenituri. Se nitgħallmu wkoll kif it-tagħlim onlajn jista' jsir aktar effettiv. Se jingħataw suġġerimenti innovattivi dwar it-tagħlim onlajn u naqsmu l-esperjenzi u l-prattiċi tajba flimkien.

**Jekk jogħġbok ingħaqad magħna għal dan il-webinar l-Erbgħa li ġej 29 t'April 9:00am-11:00am minn din il-ħolqa.**

Irreġistra l-attendenza tiegħek għal dan il-webinar fuq https://bit.ly/teams4leaders

Għal aktar tagħrif dwar webinars, riżorsi u għodod diġitali oħra, jekk jogħġbok żur https://digitalliteracy.skola.edu.mt/

Grazzi

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**